

30 ta' Settembru 2014

## Programm ta' Ħidma tal-EBA 2015

1. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), il-programm ta' ħidma annwali tal-EBA jiddeskrivi l-oġġettivi u r-riżultati ewlenin tal-EBA fis-sena li ġejja derivati mill-kompiti speċifikati fir-Regolament u mil-leġiżlazzjoni rilevanti tas-settur bankarju tal-UE. Il-programm ta' ħidma għandu l-għan li jiddefinixxi l-oġġettivi prinċipali u l-prijoritajiet korrispondenti tal-EBA għall-2015 fis-sodisfazzjon tal-mandat kumplessiv tagħha.

### Qasam regolatorju

2. L-għan fundamentali għall-EBA fil-ħidma politika regolatorja tagħha se jkompli jkun li jkollha rwol ċentrali fl-iżvilupp tal-ġabra unika ta' regoli, bil-għan li tikkontribwixxi għall-kisba ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għall-istituzzjonijiet finanzjarji, u li żżid il-kwalità tar-regolamentazzjoni finanzjarja u l-funzjonament kumplessiv tas-suq uniku.
3. L-attenzjoni ewlenija tal-ħidma regolatorja tal-EBA hija relatata (i) mal-**qafas tar-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD IV/CRR)**, (ii) id-**Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)**<sup>2</sup> u r-reviżjoni tad-**Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD)**<sup>3</sup>.
4. Id-**Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)**, li għandha tiġi trasposta fil-liġijiet nazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2014, tintroduċi qafas ta' ġestjoni tal-kriżijiet mal-Unjoni kollha, u tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali setgħat u strumenti komuni biex jantiċipaw kriżijiet ta' banek u jagħmlu riżoluzzjoni ta' kwalunkwe bank b'mod ordnat fil-każ ta' falliment. Fil-BRRD, il-maġġoranza tal-mandati tal-EBA għandhom data ta' kunsinna ta' 12-il xahar mill-finalizzazzjoni tad-Direttiva, jiġifieri fl-2015. Kumplessivament, il-BRRD tispeċifika kważi 40 mandat għall-EBA biex toħroġ linji gwida u abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li jridu jiġu approvati mill-Kummissjoni. Dawn il-prodotti jkopru (i) l-ippjanar tal-irkupru u r-riżoluzzjoni (inklużi kwistjonijiet ta' proporzjonalità f'dawn l-oqsma), (ii) il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u l-miżuri biex jiġu ssuperati l-ostakli għar-riżolvibbiltà, (iii) l-intervent bikri u skattaturi tar-riżoluzzjoni, (iv) l-appoġġ finanzjarju fost l-impriżi ta' grupp, (v)

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-Regolament tla-Kunsill (UE) Nru 1024/2013.

<sup>2</sup> Il-BRRD, id-Direttiva 2014/59/UE, kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali f'Ġunju 2014 u daħħlet fis-seħħ fit-12 ta' Lulju 2014, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 124 tal-BRRD li se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

<sup>3</sup> Id-DGSD, id-Direttiva 2014/49/UE, kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali f'Ġunju 2014 u daħħlet fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2014.

il-kundizzjonijiet għall-użu tal-għodod ta' riżoluzzjoni, (vi) id-definizzjoni tal-mekkaniżmi ta' rikapitalizzazzjoni interna u r-rekwiżiti minimi għall-obbligazzjonijiet eliġibbli, (vii) il-valutazzjonijiet li jservu bħala l-bażi tal-użu tal-għodod, (viii) in-notifiki u l-iskambji ta' informazzjoni u (ix) il-funzjonament tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni.

5. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se jkollha s-setgħa li tadotta sensiela ta' atti delegati ġodda fl-2014 u fl-2015 fuq il-bażi tal-parir tekniku mill-EBA. Se jingħataw ukoll kompiti ġodda lill-EBA, l-aktar marbuta mal-ġestjoni tal-għodod ta' informazzjoni u t-tnejn tar-rapporti fl-oqsma bħall-obbligi amministrattivi u r-rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL), il-proporzjonalità, il-livell fil-mira għar-riżoluzzjoni u l-pubblikazzjoni tal-penali, b'orizzont ta' żmien usa'. Għal dan il-għan, se tiġi stabbilita attività ta' monitoraġġ sal-aħħar tal-2014
6. **Il-qafas tar-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD IV/CRR)**, li japplika mill-1 ta' Jannar 2014, isegwi l-ftehim fuq livell globali tar-regoli prudenzjali taħt l-umbrella tal-Ftehim ta' Basel III. Il-pakkett leġiżlattiv għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rekwiżiti ta' kapital tal-banek, jintroduċi bafer kapitali ta' konservazzjoni u bafer kontroċikliku diskrezzjonali, u jispeċifika rekwiżiti regolatorji ġodda għal-likwidità u dwar l-ingranaġġ, kif ukoll imposti addizzjonali ta' kapital għal banek li huma sistematikament importanti.
7. L-EBA kellha rwol kruċjali fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni teknika tal-qafas ġdid tas-CRD IV/CRR, minħabba li jridu jinkisbu kważi 250 riżultat mill-EBA, b'ħafna riżultati, b'mod partikolari rigward ir-riskju tal-kreditu u tas-suq u l-oqsma prudenzjali tal-likwidità u l-ingranaġġ, dovuti fl-2015. Il-maġġoranza ta' dawn il-prodotti huma relatati mal-iżvilupp ta' regoli tekniċi aktar dettaljati, l-aktar permezz tal-iżvilupp ta' standards tekniċi regolatorji jew ta' implimentazzjoni vinkolanti. Tipi oħrajn ta' riżultati jinkludu linji gwida, rapporti, opinjonijiet, attivitajiet ta' medjazzjoni u r-riċeviment u l-ipproċessar ta' notifiki.
8. **Id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD)** imfassla mill-ġdid tiċċara r-rwol tal-EBA taħt id-DGSD u tagħti lill-EBA (i) rwol ta' regolamentazzjoni b'linji gwida li jispeċifikaw metodi għall-kalkolazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u dwar l-impenji tal-ħlas, (ii) rwol ta' medjazzjoni u (iii) rwol biex twettaq evalwazzjonijiet bejn il-pari fuq ir-reżiljenza u l-applikazzjoni tad-DGSD u tħejji rapport dwar l-aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni tad-DGSD.
9. Filwaqt li l-ħidma regolatorja tal-EBA se tkompli tiffoka fuq l-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards regolatorji u ta' implimentazzjoni, **kompiti regolatorji oħrajn** qed jingħataw dejjem iżjed prominenza, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni tal-EBA lill-proċessi leġiżlattivi, l-iżvilupp ta' rapporti differenti, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-kalibrar tar-regoli (pereżempju, ir-rapporti fl-oqsma tar-regoli tal-likwidità u l-ingranaġġ u l-kalibrar tagħhom, u l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u r-rekwiżiti minimi eliġibbli għar-rikapitalizzazzjoni interna).

10. Barra minn hekk, varjetà wiesgħa ta' leġislazzjoni u proposti leġislattivi fil-qasam tar-regolamentazzjoni finanzjarja u bankarja jistipulaw l-allokazzjoni ta' kompiti ġodda lill-EBA u l-espansjoni tal-kompiti eżistenti tal-EBA, bħar-Regolament dwar l-Awditjar, ir-reviżjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus (AMLD), ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR), il-leġislazzjoni dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID/MiFIR), ir-Regolament dwar l-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu (CRA), il-qafas tad-Depożitarji Ċentrali tat-Titoli (CSD), id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (PSD), id-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi, id-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji (FICOD), ir-Regolament dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-bank, id-Direttiva dwar l-aċċess għal kontijiet ta' ħlas b'karatteristiċi bażiċi (PAD), il-leġislazzjoni dwar Pakketti ta' Prodotti ta' Investiment għall-Konsumatur u Bbażati fuq Assigurazzjoni (PRIIPs) u r-Regolament dwar miżuri strutturali fis-settur bankarju tal-UE. L-istituzzjonijiet tal-UE qed jikkunsidraw ukoll inizjattivi oħra, pereżempju relatati mar-regolamentazzjoni ta' attivitajiet kreditizji mhux bankarji u proċessi ta' ffissar ta' punti ta' riferiment, kif ukoll bidliet leġislattivi oħra li jaqgħu fil-mandat tal-EBA, inkluż ir-reviżjoni tar-reġim ta' regoli dwar skoperturi kbar, ir-reviżjoni tal-filtri tal-kontabilità u prudenzjali, ir-reviżjoni tat-tariffi tal-portafolli ta' negozjar u l-miżuri ta' ġestjoni tal-kollateral u ta' riipotekkazzjoni. Huwa mistenni li l-proposti u l-inizjattivi kollha leġislattivi msemmija hawn fuq se jkollhom impatt kbir fuq in-numru u l-prijoritajiet tal-kompiti speċifiċi tal-EBA bejn l-2015 u l-2017.

## Qasam ta' superviżjoni

11. Fir-rigward tar-rwol superviżorju tal-EBA, il-**ħidma tal-EBA fuq il-kooperazzjoni tal-istati ta' oriġini u dawk ospitanti u l-konverġenza superviżorja** ser tkun estiża fl-2015 u lil hinn, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-EBA jkollha rwol proattiv fl-implimentazzjoni tal-kompiti ġodda għas-superviżuri li jirriżultaw mill-CRD IV/CRR (bħall-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-likwidità u deċiżjonijiet konġunti dwar miżuri ta' likwidità) u l-BRRD.
12. Barra minn hekk, l-EBA se tkun teħtieġ tespandi l-**ħidma politika u ta' monitoraġġ tagħha fuq il-konverġenza superviżorja fil-Pilastru 2**, bħal linji gwida dettaljati dwar il-ġestjoni tar-riskji tal-Pilastru 2. Sa mill-2014, u matul l-2015 u l-2016, l-EBA se tibda l-monitoraġġ regolari tal-konverġenza tal-metodoloġiji superviżorji fil-Pilastru 2 u sejra tipprovdi rapporti regolari lill-Parlament Ewropew. Dan se jkun proċess intensiv fl-użu tar-riżorsi li jinvolvi l-iżvilupp ta' għodda ta' monitoraġġ, il-ġbir u l-analiżi regolari ta' informazzjoni u t-tnejjija ta' rapporti. Barra minn hekk, l-EBA sejra tiżviluppa standards tekniċi u sejra tkompli l-**ħidma tagħha fuq il-parametraġġ referenzjarju tar-riżultati tal-mudelli interni tal-banek**, kif meħtieġ taħt is-CRD IV/CRR. Dawn il-passi huma vitali għall-konverġenza superviżorja fis-suq uniku u sabiex jiġi evitat tilwim fir-relazzjonijiet bejn l-istati ta' oriġini u dawk ospitanti.
13. Miżuri oħrajn li jiżguraw is-superviżjoni transfruntiera effettiva se jinkludu, fejn xieraq, l-irwol tal-EBA fil-**medjazzjoni vinkolanti**, il-faċilitazzjoni attiva u, fejn meqjus neċessarju, il-koordinazzjoni ta' kwalunkwe azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti fil-każ ta' żvilupp avversi jew sitwazzjonijiet ta' kriżi.

14. F'dan ir-rigward, l-EBA se tkompli wkoll il-ħidma tagħha fil-**kulleġġi tas-superviżuri** biex issaħħaħ is-superviżjoni Ewropea ta' gruppi bankarji transfruntiera. Il-persunal tal-EBA se jkompli jipparteċipa fi, jappoġġja u jissorvelja l-kulleġġi. Barra minn hekk, l-istabbiliment mill-ġdid tal-kulleġġi taħt il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) se jkun kompitu ewlieni; u l-iżgurar li r-relazzjonijiet tal-istati ta' orijini u dawk ospitanti jkomplu jiffunzjonaw mingħajr xkiel bejn il-pajjiżi tal-MSU u mhux tal-MSU se tkun prijorità, kemm f'termini ta' superviżjoni kontinwa kif ukoll fir-rigward ta' kompiti speċifiċi assoċjati mal-valutazzjoni tal-karti tal-bilanċ. L-EBA se tgħin ukoll lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fil-valutazzjoni tal-**ekwivalenza ta' pajjiżi terzi** u billi tipprovdi input lill-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. L-EBA se tkompli wkoll tappoġġja l-attivitajiet ta' taħriġ relatati ffukati fuq il-koordinazzjoni superviżorja.
15. Barra minn hekk, flimkien mar-rwol regolatorju estensiv tagħha, l-EBA se tikkontribwixxi b' mod sinifikanti għall-involviment fi, u billi tgħin, id-diskussjonijiet u l-ftehim fuq il-**pjanijiet ta' rkupru** bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil, l-EBA se tgħin issolvihom.
16. Fil-qasam tar-**riżoluzzjoni**, l-EBA se jkollha rwol fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni, il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u l-indirizzar tal-impedimenti għar-riżolvibbiltà. L-EBA se tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistabbilixxu kulleġġi ta' riżoluzzjoni fl-2015 u se tissorvelja l-funzjonament tagħhom. Fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, l-EBA se tgħin om isolvuhom.
17. L-attivitajiet ta' sorveljanza tal-EBA fl-2015 se jkomplu jiffokaw fuq l-**identifikazzjoni, l-analiżi u l-indirizzar tar-riskji prinċipali fis-settur bankarju tal-UE**. Wara r-rakkomandazzjoni tal-EBA dwar ir-rikapitalizzazzjoni fl-2012, u t-test tal-istress madwar l-UE fl-2014, l-EBA se tkompli tissorvelja l-livelli ta' kapital u l-pjanijiet dwar il-kapital tal-banek biex isaħħu aktar il-pożizzjoni kapitali tagħhom, kif joqorbu lejn l-implimentazzjoni tas-CRD IV. L-EBA se tkompli wkoll taħdem mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti biex tippromwovi l-proċess kontinwu ta' korrezzjoni tal-karta tal-bilanċ u l-isforzi tal-banek biex jirrestawraw l-istrutturi ta' finanzjament sostenibbli. L-EBA sejra wkoll, fl-2015, tivvaluta x'ħidma hija meħtieġa fi kwalunkwe test tal-istress madwar l-UE fl-2015, bl-EBA għal darb'oħra tikkordina u tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti bix-xenarji, il-metodoloġiji u l-għodda għall-parametraġġ referenzjarju li se jużaw biex jiżguraw testijiet tal-istress effettivi u robusti – li għalihom l-EBA se sservi bħala ċentru għat-trasparenza tad-dejta.
18. Din tal-aħħar hija parti prinċipali tal-isforzi kontinwi tal-EBA biex tippromwovi **rapportar u trasparenza** mtejba fis-settur bankarju tal-UE f'mod komprensiv u konsistenti, li fih l-ogħla prijorità se tkun il-provvista ta' għajnuna kontinwa għall-isfidi ta' implimentazzjoni fil-qafas komuni ta' rapportar, il-COREP u l-FINREP, implimentati fl-2014, kif ukoll li jiġu avvanzati l-linji gwida dwar il-Pilastru 3 u l-valutazzjoni ulterjuri u l-identifikazzjoni tal-oqsma għat-tisħiħ tat-trasparenza konsistenti mas-settur bankarju tal-UE.

19. L-EBA għandha wkoll mandati ġodda relatati mal-ħruġ ta' **opinjonijiet dwar l-użu ta' għodod makroprudenzjali**, li se jeħtieġu ħidma analitika u politika addizzjonali.
20. L-EBA se tkompli l-**analiżi tematika regolari** tagħha f'numru ta' oqsma, inkluża l-konsistenza tar-riżultati f'assi mwieżna għar-riskju (RWAs), fejn se tipprovdi punti ta' riferiment għall-awtoritajiet kompetenti, u tivvaluta s-sostenibbiltà tal-mudelli kummerċjali u l-pjanijiet ta' finanzjament tal-banek. Prodotti regolari se jinkludu aġġornamenti regolari dwar il-finanzjament u l-likwidità mill-intelliġenza superviżorja u tas-suq, ir-rapporti ta' kull sitt xhur tas-settur bankarju lill-Bord tas-Superviżuri u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) – Tabella tal-Istabbiltà Finanzjarja (FST) – u l-aġġornamenti trimestrali lill-BERS. L-EBA se tkompli wkoll **tipprovdi għajnuna teknika u pariri lill-Kummissjoni** fuq talba, kemm fil-pajjiżi tal-programmi u taħt stress, kif ukoll fl-abbozzar ta' rapporti dwar il-kwistjonijiet prinċipali li jaffettwaw is-settur bankarju tal-UE (bħar-rapport dwar l-impatt tal-operazzjonijiet ta' rfinanzjament fuq żmien itwal).
21. Min-naħa tagħha, l-EBA se tuża d-dejta superviżorja, flimkien mal-intelliġenza tas-suq u l-input mill-kulleġġi biex tfejji **rapporti ta' valutazzjoni tar-riskji** għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-BERS. Ir-rapporti dwar ir-riskji transfruntieri se jkomplu jkunu mħejjija f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Konġunt, u se jintbagħtu lill-EFC-FST. L-EBA se żżomm ukoll u tiżviluppa ulterjorament l-indikaturi tar-riskju tagħha u l-pakkett ta' tabelli operattivi tar-riskji, it-tabelli operattivi tal-gruppi ta' pari li jridu jiġu kondiviżi mal-kulleġġi superviżorji/l-NSAs u tabella operattiva settorjali għad-diskussjonijiet bejn l-EBA u l-BERS.

## Il-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur

22. Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-EBA għandha responsabbiltà mal-UE kollha u hija impenjata bis-sħiħ fil-promozzjoni tat-trasparenza, is-semplikità u l-korrettezza fis-suq għall-prodotti jew is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur madwar is-suq uniku. Fl-2015, l-unità ta' protezzjoni tal-konsumatur tal-EBA se tkompli tiġbor, tanalizza u tirrapporta x-xejriet tal-konsumatur u l-analiżi tal-attivitajiet tal-banek fi prodotti strutturati u l-bejgħ fil-livell tal-konsumatur tagħhom. Barra minn hekk, din se tkompli tivvaluta u tanalizza l-kwistjonijiet ta' detriment għall-konsumatur, u tissorvelja u tiegħu azzjoni fuq l-**innovazzjoni finanzjarja**, b'mod partikolari sistemi ta' ħlas innovattivi. Barra dan, l-EBA se taħdem fuq il-konverġenza tal-prattiki superviżorji u regolatorji fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll il-“finanzjament kollettiv”. Fl-aħħar nett, l-EBA se tkompli tissorvelja s-suq għal **muniti virtwali** biex tivvaluta liema, jekk huwa l-każ, azzjoni ta' segwitu hija meħtieġa għall-Opinjoni tal-EBA ppubblikata f'Ġunju 2014.
23. Wara l-adozzjoni tad-**Direttiva dwar Kreditu Ipotekarju (MCD)** fi Frar 2014, li se tiġi trasposta sal-21 ta' Marzu 2016, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) għall-MCD se jkunu mbagħad ukoll id-destinatarji xierqa tal-istrumenti legali tal-EBA dwar is-self ipotekarju u t-trattament ta' min jieħu self ipotekarju bl-arretrati. Dan se jippermetti lill-EBA mhux biss tiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-MCD madwar l-Istati Membri tal-UE, iżda li tindirizza

wkoll l-istrumenti legali tagħha lill-awtoritajiet kompetenti għall-MCD, kif ukoll li taħdem fuq l-attribuzzjoni ta' passporti u l-iskambju ta' informazzjoni.

24. Ir-reviżjoni proposta tad-**Direttiva dwar Servizzi ta' Ħlas (PSD 2)** hija mistennija li tiġi adottata fl-aħħar tal-2014, bid-data tal-iskadenza għall-implimentazzjoni tkun l-aħħar tal-2016. Hija mistennija li tagħti mandat lill-EBA biex tiżviluppa żewġ standards tekniċi regolatorji u f'haes linji gwida, bil-għan li (i) toħloq u żżomm reġistru pubbliku, (ii) tistabbilixxi rekwiżiti għall-iskambju ta' informazzjoni bejn stati tal-oriġini u stati ospitanti, id-drittijiet ta' stabbiliment, in-notifika ta' inċidenti tas-sigurtà minn istituzzjonijiet tal-ħlas u l-istabbiliment tal-awtentifikazzjoni tal-klijenti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE, kif ukoll li (iii) toħloq portal tal-web.
25. Id-**Direttiva dwar il-Kontijiet ta' Ħlas** ġiet adottata u ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali fit-28 ta' Awwissu 2014. L-EBA trid tiżviluppa Linji Gwida għall-NCAs dwar il-listi tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma' kont tal-ħlas, qabel il-ħidma fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri, li għandhom jintużaw mill-NCAs biex jidentifikawhom. L-EBA se tibda ħidma wkoll fuq il-mandati tagħha tal-ITS rigward forma ta' preżentazzjoni standardizzata tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi, id-dikjarazzjoni tat-tariffi u s-simboli komuni tagħhom, li se jeħtieġu ttestjar mill-konsumatur, u mandat tal-RTS dwar terminoloġija standardizzata għas-servizzi tal-Kontijiet ta' Ħlas, li jippermettu tqabbil aħjar tal-offerti ta' kontijiet ta' ħlas madwar l-Unjoni.
26. L-EBA se tissorvelja s-suq għal depożiti strutturati skont il-mandat tagħha fir-**Regolament dwar Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFIR)**.

## Analiżi u koordinazzjoni politika

27. L-EBA se tkompli ttwettaq valutazzjoni tal-impatt indipendenti, ttwettaq evalwazzjonijiet bejn il-pari u tipprovdi appoġġ lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati, lill-Kumitat Konġunt tal-ESAs u lill-Bord ta' Appell tal-ESAs. Attivitajiet oħrajn ta' koordinazzjoni se jinkludu (i) l-għoti ta' appoġġ lill-korpi governattivi tal-EBA ewlenin, lill-Bord ta' Superviżuri u lill-Bord Maniġerjali, (ii) appoġġ fl-ippjanar, il-prijoritizzazzjoni, il-monitoraġġ, l-eżekuzzjoni u l-insewiment tar-risultati li ġejjin mill-programm ta' ħidma tal-EBA, (iii) koordinazzjoni esterna mal-istituzzjonijiet u l-korpi esterni tal-UE, bħall-BCBS (Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja) u l-FMI, u (iv) l-faċilitazzjoni tat-taħriġ lis-superviżuri bankarji tal-UE.

## Appoġġ legali

28. L-EBA se tkompli tipprovdi segretarjat għal kwalunkwe talba ta' medjazzjoni, tittratta l-ilmenti, tivvaluta ksur potenzjali tal-liġi tal-UE u tipprovdi analiżi legali ta' livell għoli u tappoġġja l-funzjonijiet ewlenin tal-EBA, inkluż fuq abbozzi ta' prodotti regolatorji (Standards Tekniċi, Linji Gwida, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet), biex tiżgura li l-EBA topera skont ir-regolament fundatur tagħha u fil-qafas tal-liġi l-oħra kollha applikabbli tal-UE u dik nazzjonali.

## Operazzjonijiet

29. Fil-qasam tal-Operazzjonijiet, l-EBA se tiffoka fuq l-attivitajiet li ġejjin fl-oqsma ta' hawn taħt:

- Fil-qasam tal-finanzi: l-introduzzjoni ta' sistema ta' bbaġitjar ibbażata fuq l-attivitajiet, kif ukoll titjib fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-baġit;
- Fil-qasam tal-akkwisti: il-monitoraġġ mill-qrib u l-prestazzjoni f'waqtha tal-akkwisti kollha kif elenkati fil-pjan tal-akkwist tal-2015, u akkwisti oħra li jinqalgħu matul il-sena;
- Fil-qasam tar-riżorsi umani: l-introduzzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-HR skont ir-Regolamenti ġodda dwar il-Persunal, l-implimentazzjoni ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli, it-titjib ulterjuri tal-proċessi tal-HR u l-introduzzjoni ta' politiki tal-HR f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal;
- Fil-qasam tal-komunikazzjonijiet: l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida għall-komunikazzjonijiet, l-implimentazzjoni u ż-żamma tal-Ġabra Unika tar-Regoli interattiva, l-għodda tal-Mistoqsijiet u Tweġibiet u l-għodda għat-titjib tal-monitoraġġ u l-analiżi tal-istampa;
- Fil-qasam tal-IT: l-implimentazzjoni tal-istrateġija ġdida tal-IT, li se tinkludi titjib ulterjuri tal-ġabriet tad-dejta, il-pjattaforma tar-rapportar u l-analiżi rigward is-CRD IV u l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni assoċjati, kif ukoll il-provvista ta' sistemi kważi fil-ħin reali għan-notifiki u s-sanzjonijiet kif iddefiniti fir-regolament fundatur tal-EBA. Il-proġett intern prinċipali se jkun l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti;
- Fil-qasam tal-istandards ta' kontroll intern: kif previst fl-ippjanar tal-EBA, l-istandards ta' Kontroll Intern se jrin jittejbu ulterjorament fl-2015, u jikkonsolidaw fost oħrajn il-kapaċitajiet tal-ġestjoni tar-riskji, il-ġestjoni tad-dokumenti, il-kontinwità tan-negozju, l-ippjanar u r-rapportar.

30. Minbarra dak li hawn imsemmi hawn fuq, l-EBA se tkompli ttejjeb l-effettività u l-effikaċja tal-proċessi ta' appoġġ u amministrattivi eżistenti. Din se tkompli ssegwi l-kooperazzjoni b'suċċess maż-żewġ ESA oħra sabiex tikseb ingranaġġ tal-ekonomiji ta' skala potenzjali fil-funzjonijiet ta' appoġġ. L-EBA se tkompli tkun iffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea u l-NCAs.



## L-EBA fid-dawl tal-evalwazzjoni tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji u l-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku

31. Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat<sup>4</sup> ir-rapport tagħha dwar il-**valutazzjoni tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji, skont l-Artikolu 81 tar-Regolamenti tal-ASE**. Ir-rapport ivvaluta, u eżamina minn perspettivi differenti, il-funzjonament tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) wara tliet snin ta' operat tagħhom. Il-Kummissjoni indikat fir-rapport tagħha li beħsiebha teżamina aktar l-aspetti tekniċi u legali tal-kwistjonijiet differenti li tqajmu. Ir-rapport jista' jkun segwit minn proposti leġiżlattivi, u jkollu implikazzjonijiet ulterjuri għall-mandat u l-kompetenzi tal-EBA lil hinn mill-2014. Minħabba li l-evalwazzjoni għadha kif ġiet ippubblikata, huwa prematur biex issir stima tal-impatt tal-evalwazzjoni fuq il-mandat tal-EBA.

32. Il-konsegwenza ta' bidliet sinifikanti ġodda għar-regolamentazzjoni bankarja Ewropea u l-arkitektura superviżorja, bil-**Mekkaniżmu Superviżorju Uniku/Unjoni Bankarja, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni**, u l-**proposti għal riforma strutturali**, se jkollha riperkussjonijiet oħra importanti fuq il-mandat tal-EBA.

Il-**Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU)** se jitlob lill-Unjoni timpenja ruħha aktar għall-ġabra unika tar-regoli, u b'mod partikolari biex tgħaqqad il-metodoloġiji u l-prattiki superviżorji, fejn l-EBA se tipprovdi l-kontribuzzjoni u l-kompetenza tagħha fl-iżvilupp ta' Manwal Superviżorju Uniku bħala parti mill-ħidma tagħha fuq il-konverġenza superviżorja. Il-ħidma fuq il-moduli ġodda se tkompli fl-2015 u matul is-snin li ġejjin. L-MSU se jeħtieġ ukoll titjib fir-relazzjonijiet operattivi fl-oqsma kollha u mal-partijiet kollha involuti, b'mod partikolari mal-Bank Ċentrali Ewropew. L-istabbiliment mill-ġdid tal-kulleġġi taħt l-MSU se jkun il-kompitu prinċipali; u l-iżgurar li r-relazzjonijiet bejn l-istat ta' oriġini u l-istat ospitu jkomplu jiffunzjonaw mingħajr xkiel se tkun prijorità għall-EBA kemm f'termini ta' superviżjoni kontinwa kif ukoll fir-rigward tal-kompiti speċifiċi assoċjati mal-valutazzjoni tal-karti tal-bilanċ. Fl-aħħar nett, bħala l-uniku korp li qiegħed fil-qagħda tajba biex joffri għarfien mikroprudenzjali lis-settur bankarju madwar is-suq uniku, l-EBA se tipprova tiżgura li l-infrastruttura tar-riskju tagħha, inkluż ir-rapporti tad-dejta u dwar ir-riskji, tiffoka fuq dan il-valur speċifiku miżjud u tagħmel l-aħjar użu mill-għarfien tad-dejta u superviżorju minn madwar l-UE tal-EBA, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fil-kulleġġi tas-superviżuri.

<sup>4</sup> Ara [http://ec.europa.eu/internal\\_market/finances/committees/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/finances/committees/index_en.htm) ippubblikat fit-8 ta' Awwissu 2014.